KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
Frar 2017

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |

Il-Karta tal-Istudent

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: ________



| Il-Fehim mis-Smigħ | Il-marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 20 marka |
| Il-marka tal-istudent/a | |

*Kull tweġiba tajba tingħata marka*

**Taħriġ A – Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (✓) fil-kaxxa.**(10 marki)

1. Pedro u Damon kienu żewġ

| | | |
|---|---|---|
| a) | għalliema. | |
| b) | tobba. | |
| ċ) | sajjieda. | |
| d) | infermiera. | |

2. Pedro

| | | |
|---|---|---|
| a) | kien għajjur. | |
| b) | kien bniedem qalbu tajba u ġeneruż. | |
| ċ) | rari kienet tiġih tajba. | |
| d) | kien isibha bi tqila biex jgħin. | |

3. Meta għamlet maltempata, id-dgħajsa ta' Pedro

| | | |
|---|---|---|
| a) | tfarrket mal-blat. | |
| b) | ma ġralha xejn. | |
| ċ) | ntilfet fil-baħar. | |
| d) | ħadha Damon id-dar tiegħu. | |

4. Wara l-maltempata Pedro

| | | |
|---|---|---|
| a) | xtara dgħajsa minnufih. | |
| b) | mar jistad bħas-soltu. | |
| ċ) | mar jixtri l-ħut. | |
| d) | talab lil Damon biex imur jistad miegħu. | |

5. Damon

| | | |
|---|---|---|
| a) | għen lil Pedro minnufih. | |
| b) | beda jidħak b'Pedro. | |
| ċ) | xtara dgħajsa sabiħa lil Pedro. | |
| d) | qal lis-sajjieda l-oħra biex jgħinu lil Pedro. | |

6. Meta Damon kien qed jistad

| | | |
|---|---|---|
| a) | beda jieħu ħafna gost. | |
| b) | xtaq li jibqa' ġurnata fuq il-baħar. | |
| ċ) | beda jħossu ma jiflaħx. | |
| d) | qabdu ħafna ġuħ. | |

7. Damon iddeċieda li jitlaq lura lejn ix-xatt

| | | |
|---|---|---|
| a) | filgħodu kmieni. | |
| b) | f'nofsinhar. | |
| ċ) | waranofsinhar. | |
| d) | filgħaxija. | |

8. Meta Damon kien sejjer lura lejn id-dar, id-dgħajsa

| | | |
|---|---|---|
| a) | bdiet iddur dawra tond. | |
| b) | qabdet id-direzzjoni lejn ix-xatt. | |
| ċ) | ma kellhiex qlugħ. | |
| d) | tkissret mal-blat. | |

9. L-espressjoni **qalbi iebsa** tfisser li:

| | | |
|---|---|---|
| a) | nkun ġeneruż. | |
| b) | ngħin lil min hu fil-bżonn. | |
| ċ) | ma naħsibx f'ħaddieħor. | |
| d) | ngħid fuq in-nies. | |

10. Pedro sab lil Damon mitluf minn sensih. **Mitluf minn sensih** tfisser li Damon

| | | |
|---|---|---|
| a) | intilef fil-baħar. | |
| b) | ma kienx jaf x'inhu jiġri. | |
| ċ) | dar dawra bid-dgħajsa. | |
| d) | beda jidħak ħafna. | |

**Taħriġ B -** Aqra s-sentenzi u mmarka (✓) taħt **VERU** jew **FALZ.** (5 marki)

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Pedro kien jaqbad ħafna ħut. | | |
| 2. | Damon kellu qalbu tajba u Pedro kien għajjur. | | |
| 3. | Damon beda jinkwieta li kellu d-deni. | | |
| 4. | Damon iddispjaċih li kien qalbu iebsa ma' Pedro. | | |
| 5. | Pedro mar waħdu jfittex lil Damon. | | |

**Taħriġ Ċ - Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta**. (5 marki)

1. Meta kienu jmorru lura lejn ____________, Pedro kien jagħti ftit ħut lil sieħbu biex ikun jista' jbigħu.

2. Id-dgħajsa bdiet iddur dawra ____________ minflok qabdet ____________ lejn ix-xatt.

3. Meta Pedro ________________ li Damon ma kienx reġa' lura, ħareġ ifittxu ma' ________________ ieħor.

**- Tmiem il-Karta -**